REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 619/2009

tat-13 ta' Lulju 2009

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 474/2006 li jistabbilixxi l-lista Komunitarja ta' kumpaniji tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fil-Komunità

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 2111/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2005 dwar l-istabbiliment ta' lista Komunitarja ta' kumpaniji tal-ajru li huma suġġetti għal projbizzjoni ta' operar fil-Komunità u li jinforma lill-passiġġieri tat-trasport bl-ajru dwar l-identità tal-kumpanija tal-ajru li topera, u li tħassar l-Artikolu 9 tad-Direttiva 2004/36/KE [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 474/2006 tat-22 ta' Marzu 2006 stabbilixxa l-lista Komunitarja ta' kumpaniji tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fil-Komunità skont il-Kapitolu II tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2].

(2) Skont l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, uħud mill-Istati Membri kkomunikaw lill-Kummissjoni tagħrif li huwa rilevanti fil-kuntest tal-aġġornar tal-lista Komunitarja. Ġie kkomunikat ukoll tagħrif rilevanti minn pajjiżi terzi. Abbażi ta' dan, għandha tiġi aġġornata l-lista Komunitarja.

(3) Il-Kummissjoni għarrfet lit-trasportaturi bl-ajru kollha kkonċernati b'mod dirett jew, fejn dan ma kienx possibbli, permezz tal-awtoritajiet responsabbli għas-sorveljanza regolatorja tagħhom, u indikat il-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li għandhom jiffurmaw il-bażi għal deċiżjoni biex tkun imposta fuqhom projbizzjoni fuq l-operat fil-Komunità, jew biex jinbidlu l-kundizzjonijiet tal-projbizzjoni fuq l-operat imposta fuq trasportatur bl-ajru li huwa inkluż fil-lista Komunitarja.

(4) Il-Kummissjoni tat l-opportunità lit-trasportaturi bl-ajru kkonċernati biex jikkonsultaw id-dokumenti pprovduti mill-Istati Membri, jissottomettu kummenti bil-miktub u jagħmlu preżentazzjoni orali lill-Kummissjoni fi żmien għaxart ijiem tax-xogħol u lill-Kumitat dwar is-Sikurezza tal-Ajru stabbilit bir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91 tas-16 ta' Diċembru 1991 dwar l-armonizzazzjoni tal-ħtiġijiet tekniċi u proċeduri amministrattivi fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili [3].

(5) L-awtoritajiet responsabbli għas-sorveljanza regolatorja tat-trasportaturi bl-ajru kkonċernati ġew ikkonsultati mill-Kummissjoni kif ukoll, f'każijiet speċifiċi, minn uħud mill-Istati Membri.

(6) Ir-Regolament (KE) Nru 474/2006 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.

Trasportaturi Komunitarji

(7) Wara tagħrif li rriżulta minn spezzjonijiet fir-rampa li twettqu mis-SAFA (il-Valutazzjoni tas-Sikurezza tal-Inġenji tal-Ajru Barranin) fuq inġenji tal-ajru ta' ċerti trasportaturi bl-ajru Komunitarji, kif ukoll minn ċerti spezzjonijiet u verifiki ta' oqsma speċifiċi mwettqa mill-awtoritajiet nazzjonali tal-avjazzjoni tagħhom, uħud mill-Istati Membri implimentaw ċerti miżuri ta' infurzar. Huma għarrfu lill-Kummissjoni u lill-Kumitat dwar is-Sikurezza tal-Ajru dwar dawn il-miżuri: l-awtoritajiet kompetenti tal-Greċja ħabbru li ċ-Ċertifikat tat-Trasportaturi bl-Ajru (l-AOC) tat-trasportatur EuroAir Ltd ġie rtirat fit-8 ta' Mejju 2009; l-awtoritajiet kompetenti tal-Isvezja ħabbru li fit-23 ta' Jannar 2009 irtiraw iċ-Ċertifikat tat-Trasportaturi bl-Ajru (l-AOC) tat-trasportatur Nordic Airways AB ("Regional") u li rtiraw dak tat-trasportatur Fly Excellence AB fil-31 ta' Marzu 2009.

One Two Go Airlines u Orient Thai Airlines

One Two Go Airlines

(8) Fit-8 ta' April 2009, l-awtoritajiet kompetenti tat-Tajlandja (id-Dipartiment tal-Avjazzjoni Ċivili Tajlandiż – id-DCA Tajlandiż) għarrfu lill-Kummissjoni li rrevokaw l-AOC tat-trasportatur One Two Go. Għalkemm it-trasportatur One Two Go appella kontra din ir-revoka, id-DCA Tajlandiż afferma din l-ordni mill-ġdid fl-4 ta' Mejju 2009.

(9) Għalhekk, meta jitqies li l-operatur tilef l-AOC tiegħu, u li b'hekk il-liċenzja tal-operat tiegħu ma tistax tibqa' titqies bħala valida, abbażi tal-kriterji komuni, huwa vvalutat li One Two Go ma għadux "trasportatur bl-ajru" kif iddefinit fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, u li, għalhekk, dan għandu jitneħħa mill-Anness A.

[1] ĠU L 344, 27.12.2005, p. 15.
[2] ĠU L 84, 23.3.2006, p. 14.
[3] ĠU L 373, 31.12.1991, p. 4.

Orient Thai Airlines

(10) Skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 298/2009 tat-8 ta' April 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 474/2006 li jistabbilixxi l-lista komunitarja ta' kumpaniji tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fil-Komunità [1], id-DCA Tajlandiż ipprovda tagħrif lill-Kummissjoni rigward l-effikaċja tal-azzjonijiet korrettivi meħuda mit-trasportatur Orient Thai, kif ukoll il-miżuri meħuda mid-DCA Tajlandiż sabiex jiġu solvuti n-nuqqasijiet tas-sikurezza li kienu ġew innutati qabel u li kienu wasslu għas-sospensjoni tal-ħidmiet tal-operatur bl-inġenju tal-ajru tat-tip MD-80 għal perjodu ta' 75 jum sas-7 ta' Ottubru 2008.

(11) Il-Kummissjoni tqis li, abbażi ta' dan it-tagħrif, l-ebda azzjoni ulterjuri mhija meħtieġa.

It-trasportaturi bl-ajru mill-Ukraina

Is-sorveljanza ġenerali tas-sikurezza tat-trasportaturi bl-ajru mill-Ukraina

(12) Wara l-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru 298/2009, grupp ta' esperti Ewropej wettaq żjara fl-Ukraina mill-25 sad-29 ta' Mejju 2009 biex jivverifika l-istat tal-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni mressaq mill-awtoritajiet kompetenti tal-Ukraina sabiex jittejbu s-sorveljanza kif ukoll is-sitwazzjoni tas-sikurezza taż-żewġ trasportaturi li l-operazzjonijiet tagħhom huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fil-Komunità – it-trasportaturi Ukraine Cargo Airways u Ukrainian Mediterranean Airlines. Barra minn hekk, bil-ħsieb li jivverifika l-eżerċizzju tas-sorveljanza mwettaq mill-Amministrazzjoni tal-Avjazzjoni tal-Istat tal-Ukraina, il-grupp ta' esperti tal-KE ltaqa' ma' żewġ trasportaturi – South Airlines u Khors Air Company, li joperaw lejn il-Komunità u li kienu soġġetti għal spezzjonijiet fir-rampa fil-Komunità u fi stati oħra tal-ECAC.

(13) L-Amministrazzjoni tal-Avjazzjoni tal-Istat għamlet progress limitat fl-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni tagħha. L-azzjonijiet kollha (12 minn 12) identifikati mill-Amministrazzjoni tal-Avjazzjoni tal-Istat fil-pjan ta' azzjoni tagħha mressaq fil-31 ta' Mejju 2008 biex ittejjeb l-eżerċizzju tas-sorveljanza għalissa għadhom miftuħa. Ma seħħet l-ebda ċertifikazzjoni skont ir-rekwiżiti mħabbra mill-Amministrazzjoni tal-Avjazzjoni tal-Istat, il-leġislazzjoni li tikkorrispondi magħha ma ġietx ippromulgata u l-azzjonijiet korrettivi mhux se jkunu kompluti qabel Lulju 2011 minħabba li xi ftit mill-implimentazzjoni tressqet għall-2015.

(14) L-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni hija marbuta direttament mal-kumplessità tas-sistema legali tal-Ukraina li ma tagħtix il-possibbiltà li wieħed jidentifika b'mod ċar l-istandards użati għall-approvazzjoni tal-inġenji tal-ajru u tal-operaturi u jekk dawn jikkonformawx fil-verità mal-annessi tal-Organizzazzjoni għall-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (l-ICAO). Dan ġie kkonfermat waqt il-laqgħat mal-erba' operaturi.

(15) Barra minn hekk, ir-rapport taż-żjara juri li l-awtoritajiet kompetenti tal-Ukraina ma għandhomx biżżejjed personal ikkwalifikat biex iwettaq is-sorveljanza ta' 74 persuna li għandhom l-AOC (għall-ajrunavigabbiltà u għall-operazzjonijiet). L-implimentazzjoni tal-attivitajiet kontinwi ta' sorveljanza ma setgħetx tintwera bis-sħiħ u l-kummenti mressqa mill-awtoritajiet kompetenti tal-Ukraina wara ż-żjara ma setgħux jiċċaraw dawn il-kwistjonijiet. Barra minn hekk, analiżi bir-reqqa tas-sistema tal-AOCs użata mill-awtoritajiet kompetenti tal-Ukraina turi li din is-sistema la tipprovdi għall-identifikazzjoni ċara tar-regolamenti/tal-istandards applikati għaċ-ċertifikazzjoni u lanqas għaċ-ċertezza dwar liema flotta hija awtorizzata biex topera eżattament u dwar liema awtorizzazzjonijiet għandhom l-operaturi eżattament.

(16) L-awtoritajiet kompetenti tal-Ukraina ressqu kummenti li ma kinux biżżejjed biex ineħħu s-sejbiet li tqajmu waqt iż-żjara. Id-diversi azzjonijiet korrettivi mħabbra minn dawn l-awtoritajiet jeħtieġ li jkunu mmonitorjati mill-qrib u evalwati regolarment filwaqt illi jitqiesu wkoll ir-riżultati taż-żjara tal-ICAO mwettqa fil-qafas tal-Programm tal-Verifika Universali tas-Sorveljanza tas-Sikurezza (l-USOAP) f'Ġunju 2008. Barra minn hekk, wara ż-żjara, l-awtoritajiet kompetenti tal-Ukraina ressqu pjan ġdid ta' azzjoni korrettiva, li l-implimentazzjoni tiegħu tiddependi fuq l-adozzjoni ta' liġi ġdida tal-avjazzjoni fl-Ukraina li hija ppjanata għall-2010. B'hekk, l-adozzjoni tad-diversi regoli ta' implimentazzjoni mhix se tkun kompluta qabel it-tieni nofs tas-sena 2011 għall-operazzjonijiet tal-inġenji tal-ajru, qabel tmiem l-2012 għall-liċenzjar tal-ekwipaġġ tat-titjir u qabel tmiem l-2015 għall-ajrunavigabbiltà kontinwa.

(17) Fid-dawl tar-riżultati taż-żjara u tal-preżentazzjonijiet li saru waqt il-laqgħa tal-Kumitat dwar is-Sikurezza tal-Ajru fl-1 ta' Lulju 2009, il-Kummissjoni se tkompli timmonitorja mill-qrib l-implimentazzjoni ta' dawn l-azzjonijiet u tikkoopera mal-awtoritajiet kompetenti tal-Ukraina sabiex tgħinhom fit-titjib tas-sorveljanza u fl-indirizzar ta' kwalunkwe nuqqas ta' konformità. Barra minn hekk, l-Istati Membri se jivverifikaw b'mod sistematiku l-konformità effettiva mal-istandards rilevanti tas-sikurezza permezz tal-għoti ta' prijorità lill-ispezzjonijiet fir-rampa li għandhom isiru fuq l-inġenji tal-arju tat-trasportaturi liċenzjati fl-Ukraina skont ir-Regolament Kummissjoni (KE) Nru 351/2008 [2].

Motor Sich JSC Airlines

(18) Wara l-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru 298/2009, it-trasportatur ġie mistieden jippreżenta kwalunkwe tagħrif rilevanti, inkluži l-azzjonijiet korrettivi sabiex jittranġaw in-nuqqasijiet fis-sikurezza li kienu ġew innutati qabel. L-awtoritajiet kompetenti tal-Ukraina ressqu tagħrif li jiċċara l-azzjonijiet meħuda fuq l-AOC tat-trasportatur. It-trasportatur Motor Sich ressaq id-dokumentazzjoni fl-4 ta' Ġunju 2009 li fiha ddikjara li l-kumpanija kienet wettqet analiżi tal-kawżi ewlenin u kienet fasslet azzjonijiet korrettivi biex jiġu solvuti kwalunkwe nuqqasijiet

[1] ĠU L 95, 9.4.2009, p. 16.

[2] ĠU L 109, 19.4.2008, p. 7.

tas-sikurezza. L-analiżi u l-azzjonijiet korrettivi tiegħu ġew approvati mill-awtoritajiet kompetenti tal-Ukraina. Barra minn hekk, fil-15 ta' Ġunju l-kumpanija indirizzat korrispondenza, li kienet tinkludi l-azzjonijiet korrettivi, lill-awtoritajiet kompetenti ta' Franza li kienu wettqu spezzjoni ([1]) fuq l-inġenju tal-ajru tat-tip AN-12 (UR-11819). Il-pjan ta' azzjoni korrettiva jindika li l-manwâli u d-dokumentazzjoni tal-kumpanija (il-manwâl tal-operazzjonijiet u l-manwâl tat-titjira) ġew immodifikati sabiex jinġiebu f'konformità mal-istandards tal-ICAO u sabiex ikun hemm il-possibbiltà ta' tħejjija xierqa għat-titjira.

(19) Madankollu, it-taħriġ tal-pilota u tal-ekwipaġġ sabiex jiġi żgurat li l-manwâli u l-proċeduri riveduti jiġu applikati b'mod effettiv mhuwiex biżżejjed biex jiġi żgurat li jkunu koperti b'mod xieraq il-firxa wiesgħa ta' tibdiliet. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda tagħrif mill-awtoritajiet kompetenti tal-Ukraina li jindikaw il-verifika tal-istat tal-implimentazzjoni u l-għeluq effettiv ta' dawn l-azzjonijiet bil-ħsieb li jiġu solvuti b'mod sostenibbli n-nuqqasijiet innutati tas-sikurezza.

(20) Fid-dawl ta' dawn is-sejbiet u abbażi tal-kriterji komuni, il-Kummissjoni tqis li f'dan l-istadju, it-trasportatur Motor Sich ma jissodisfax l-istandards tas-sikurezza rilevanti u għalhekk għandu jibqa' fl-Anness A.

Ukraine Cargo Airways

(21) Fis-27 ta' Mejju 2009, wara l-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru 298/2009, il-grupp ta' esperti tal-KE żaru lit-trasportatur. Ir-rapport taż-żjara juri li l-flotta tal-Ukraine Cargo Airways (l-UCA) naqset b'mod konsiderevoli f'sena, minn 20 inġenju tal-ajru fil-bidu tal-2008 (għaxra tat-tip IL-76, tlieta tat-tip AN-12, tlieta tat-tip AN-26, tliet helikopters tat-tip MIL-8 u Tupolev Tu-134 wieħed), għal erba' inġenji tal-ajru fi żmien iż-żjara (tnejn tat-tip IL-76, wieħed tat-tip AN-12 u wieħed tat-tip AN-26). Mill-erba' inġenji tal-ajru mniżżlin fuq l-AOC, wieħed tat-tip IL-76 (UR-UCC) jinsab f'kundizzjoni tajba tal-ajrunavigabbiltà, waqt illi t-tliet inġenji tal-ajru l-oħra mniżżlin fuq l-AOC kellhom ċertifikati skaduti tal-ajrunavigabbiltà. It-trasportatur iddikjara li l-inġenji tal-ajru l-oħra kollha m'għadx għandhom kundizzjoni tajba tal-ajrunavigabbiltà u li mhuma qed jitħaddmu bl-ebda mod.

(22) Skont ir-rapport, it-trasportatur UCA għamel progress sinifikanti fl-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni korrettiva tiegħu mressaq lill-Kummissjoni fl-1 ta' April 2008. Minn 22 azzjoni skedata, 19 huma indikati bħala kompluti u magħluqa. Il-politika tas-sikurezza u d-dokumentazzjoni ġew irriveduti u mtejba. Ġie stabbilit dipartiment intern tal-ispezzjoni tas-sikurezza. Il-kundizzjoni teknika tal-inġenji tal-ajru ttejbet. Il-proċeduri tat-taħriġ tal-ekwipaġġ ġew irriveduti u mtejba. Madankollu, tlieta mill-azzjonijiet proposti f'dan il-pjan ta' azzjoni korrettiva għadhom miftuħin, u l-iktar waħda problematika fosthom hija n-nuqqas ta' maskri tal-ossiġnu li jintlibsu malajr għall-inġenji tal-ajru tat-tip IL-76, AN-12 u AN-26 kif inhu meħtieġ mill-ICAO għat-titjiriet 'il fuq minn ċerta altitudni.

(23) Ir-rapport jiġbed l-attenzjoni wkoll fuq in-nuqqasijiet sinifikanti tas-sikurezza fl-oqsma tal-operazzjonijiet tat-titjira, tat-taħriġ u l-iċċekkjar, tal-ajrunavigabbiltà kontinwa u tal-manutenzjoni. Barra minn hekk, is-sistema tal-ġestjoni tal-kwalità għandha n-nuqqasijiet tagħha minħabba li la tagħti garanzija li s-sejbiet li jitqajmu mill-verifika interna jew mill-awtoritajiet kompetenti tal-Ukraina se jiġu korretti u vverifikati qabel l-għeluq, u lanqas ma tiżgura li se jkun hemm analiżi sistematika tan-nuqqasijiet. Dawn is-sejbiet iqajmu dubji dwar is-sostenibbiltà tal-miżuri korrettivi implimentati mill-kumpanija wara li ġiet imposta l-projbizzjoni fuq l-operat.

(24) Il-kumpanija ġiet mistiedna tressaq il-kummenti tagħha. L-UCA ressqet id-dokumentazzjoni dwar is-sejbiet li tqajmu waqt iż-żjara fl-10 ta' Ġunju. Mis-16-il sejba ġdida li tqajmet waqt iż-żjara, waħda tista' tingħalaq b'mod effettiv wara l-eżaminazzjoni tad-dokumentazzjoni mressqa mill-kumpanija. Għaż-żewġ sejbiet li jirrigwardaw il-manwâl tal-operazzjonijiet u l-AOC tagħha, il-kumpanija indikat li ressqet xi tibdiliet tal-manwâl tal-operazzjonijiet tagħha lill-awtoritajiet kompetenti tal-Ukraina għall-approvazzjoni tagħhom u talbet għal limitazzjoni tal-livell tat-titjira fl-AOC tagħha f'dak li għandu x'jaqsam mal-inġenji tal-ajru tat-tip AN-12 (UR-UCN) u AN-26 (UR-UDM).

(25) Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda tagħrif dwar l-approvazzjoni tat-tibdiliet (il-limitazzjonijiet) mitluba mill-kumpanija. Barra minn hekk, it-trasportatur talab li jinstema' u għamel preżentazzjonijiet lill-Kummissjoni u lill-Kumitat dwar is-Sikurezza tal-Ajru fl-1 ta' Lulju li fihom indika li, minn total ta' 51 azzjoni korrettiva, 15 għad iridu jiġu implimentati sal-aħħar ta' Awwissu 2009 u li wara dan għandha ssir verifika mill-awtoritajiet kompetenti tal-Ukraina. Il-Kummissjoni tirriżerva d-dritt li tipproċedi għall-verifika tal-implimentazzjoni tal-miżuri korrettivi minn dan it-trasportatur.

(26) Fid-dawl ta' dawn is-sejbiet, il-Kummissjoni tqis li, f'dan l-istadju, abbażi tal-kriterji komuni, il-kumpanija ma tissodisfax l-istandards tas-sikurezza rilevanti u għalhekk għandha tibqa' fl-Anness A.

Ukrainian Mediterranean Airlines

(27) Fit-28 ta' Mejju 2009, wara l-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru 298/2009, il-grupp ta' esperti tal-KE żaru lit-trasportatur. Ir-rapport taż-żjara jindika li t-trasportatur UMAir għamel passi sinifikanti 'l quddiem fis-sistema ta' dokumentazzjoni tiegħu li ġiet irriveduta kompletament. Ġie stabbilit dipartiment tas-sikurezza u nħatar punt fokali għall-ispezzjonijiet tas-SAFA. Il-proċeduri tat-taħriġ ġew riveduti u mtejba wkoll. Minkejja dan, waqt illi l-UMAir isostni li lesta l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni korrettiva tiegħu, kif ġie vverifikat mill-awtoritajiet kompetenti tal-Ukraina, kampjuni tal-azzjonijiet korrettivi miġbura mill-grupp juru li xorta għad baqa' xi nuqqasijiet. L-azzjonijiet korrettivi meħuda mill-UMAir fir-rigward tal-indiċi ta' tagħbija/piż operattiv (load-sheet/dry operating index) ma jidhirx li qed jiġu applikati b'mod effettiv għat-tipi kollha tal-inġenji tal-ajru mniżżlin fuq l-AOC. Xi azzjonijiet ta' rimedju għan-nuqqasijiet innutati waqt l-ispezzjoni tas-SAFA mhumiex qed jiġu korretti b'mod sistematiku, inkluża d-determinazzjoni tal-kawża ewlenija tagħhom (it-telf taż-żejt mill-magna, vitijiet neqsin, limitazzjoni fil-prestazzjoni tal-MEL (il-lista tat-tagħmir minimu), eċċ.).

([1]) DGAC/F-2008-564.

(28) Barra minn hekk, sejbiet sinifikanti tas-sikurezza tqajmu fl-oqsma tal-operazzjonijiet u tal-ajrunavigabbiltà kontinwa, tal-manutenzjoni u tal-inġinerija: ma teżistix proċedura ċara li għandha tiġi applikata mill-ekwipaġġ tat-titjira tal-UMAir f'każ li l-magna jkollha l-ħsara matul it-titjira ("drift-down") u fil-manwâl tal-operazzjonijiet, ma hemm l-ebda proċedura biex wieħed jiddikjara emerġenza meta, waqt it-titjira, l-fjuwil mistenni/ikkalkulat għal waqt l-inżul ikun mistenni li jkun taħt il-minimu. Barra minn hekk, ma setgħet tiġi ppreżentata l-ebda evidenza dwar il-konformità mad-direttivi dwar l-ajrunavigabbiltà għal inġenju tal-ajru (tat-tip UR-CFF) u għall-magna tiegħu, instabu bosta nuqqasijiet fl-inġenji tal-ajru tat-tip DC-9 u MD 83, u r-regoli tal-programm għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-korrużjoni (is-CPCP, ir-regoli għall-identifikazzjoni tal-livell ta' korrużjoni u għar-rappurtar tiegħu) mhumiex qed jiġu rrispettati. Fir-rigward tas-sistema ta' kwalità tat-trasportatur, il-grupp tal-KE fir-rapport tiegħu sab li l-organizzazzjoni ma setgħetx turi li l-aspetti kollha tal-proċessi ta' manutenzjoni u tal-operat tat-titjira qed issirilhom verifika regolarment; li l-azzjonijiet implimentati mhux dejjem iqisu l-kawżi ewlenin u li ma hemmx sistema globali li tikkontrolla s-sejbiet miftuħa (il-verifiki interni u esterni, inklużi s-sejbiet tal-Amministrazzjoni tal-Avjazzjoni tal-Istat tal-Ukraina).

(29) Il-kumpanija ġiet mistiedna tressaq il-kummenti tagħha. L-UMAir ippreżenta pjan ta' azzjoni korrettiva approvat mill-awtoritajiet kompetenti tal-Ukraina fil-laqgħa tal-Kumitat dwar is-Sikurezza tal-Ajru fl-1 ta' Lulju 2009. Il-pjan ta' azzjoni korrettiva tfassal biex ikunu indirizzati n-nuqqasijiet tas-sikurezza identifikati waqt iż-żjara. Madankollu, il-preżentazzjoni tat-trasportatur ma ppermettitx li jissolvew is-sejbiet li tqajmu waqt iż-żjara, b'mod partikulari fil-qasam tal-ajrunavigabbiltà kontinwa. Il-Kummissjoni tirriżerva d-dritt li tipproċedi għall-verifika tal-implimentazzjoni tal-miżuri korrettivi minn dan it-trasportatur.

(30) Fid-dawl ta' dawn is-sejbiet, il-Kummissjoni tqis li, f'dan l-istadju, abbażi tal-kriterji komuni, il-kumpanija ma tissodisfax l-istandards tas-sikurezza rilevanti u għalhekk għandha tibqa' fl-Anness A.

It-trasportaturi bl-ajru mir-Repubblika tal-Każakstan

(31) Hemm evidenza vverifikata ta' nuqqas ta' ħila tal-awtoritajiet responsabbli għas-sorveljanza tas-sikurezza tat-trasportaturi bl-ajru ċċertifikati fil-Każakstan biex jimplimentaw u jinfurzaw l-istandards rilevanti tas-sikurezza, kif muri bir-riżulati tal-verifika li twettqet mill-ICAO fil-qafas tal-Programm tal-Verifika Universali tas-Sorveljanza tas-Sikurezza ("Universal Safety Oversight Audit Programme", USOAP).

(32) Wara l-verifika tal-USOAP tal-Każakstan imwettqa f'April 2009, l-ICAO nnotifikat lill-Istati li huma parti mill-konvenzjoni ta' Ċikago li hemm tħassib sinifikanti dwar is-sikurezza li jaffettwa s-sorveljanza tas-sikurezza tat-trasportaturi u tal-inġenji tal-ajru rreġistrati fil-Każakstan. Dan it-tħassib jirrigwarda l-operazzjonijiet [1] u l-ajrunavigabbiltà [2]. Jidher li l-proċess ta' ċertifikazzjoni użat fil-Każakstan għall-ħruġ taċ-Ċertifikati tat-Trasportaturi bl-Ajru (l-AOCs) ma jqisx id-dispożizzjonijiet kollha applikabbli tal-Anness 6 tal-ICAO. Ħafna mill-AOCs eżistenti nħarġu mingħajr l-involviment ta' spettur ikkwalifikat tal-ajrunavigabbiltà. B'mod partikulari, l-elementi li ġejjin mhumiex qed jitqiesu bħala parti mill-proċess ta' ċertifikazzjoni: it-tressiq tal-programmi ta' manutenzjoni, l-analiżi tal-listi tat-tagħmir minimu (l-MELs), ir-rekwiżiti tal-ajrunavigabbiltà kontinwa għall-ħruġ ta' approvazzjonijiet għal operazzjonijiet speċifiċi bħalma huma l-ETOPS u l-CAT III. Barra minn hekk, il-biċċa l-kbira taċ-ċertifikati tal-ajrunavigabbiltà nħarġu mingħajr spezzjoni teknika tal-inġenju tal-ajru u l-awtoritajiet kompetenti tal-Każakstan ma wettqux spezzjonijiet perjodiċi tal-inġenji tal-ajru. L-ICAO ma qiesitx bħala aċċettabbli l-pjanijiet ta' azzjonijiet korrettivi proposti minn dawn l-awtoritajiet, minħabba li dawn ma jinkludux dati ċari ta' implimentazzjoni għall-azzjonijiet korrettivi immedjati biex jissolva dan it-tħassib sinifikanti dwar is-sikurezza.

(33) Il-Kummissjoni, wara li kkunsidrat iż-żewġ każi ta' tħassib sinifikanti dwar is-sikurezza li ġew ippubblikati ftit wara ż-żjara tal-ICAO u ftit wara l-pubblikazzjoni tar-rapporti tas-SAFA, bdiet konsultazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti tal-Każakstan, u esprimiet it-tħassib serju tagħha dwar is-sikurezza tal-operazzjonijiet tat-trasportaturi bl-ajru ċċertifikati f'dan l-Istat. Hija talbet għal kjarifiki dwar l-azzjonijiet li twettqu mill-awtoritajiet kompetenti sabiex iwieġbu għas-sejbiet tal-ICAO u tas-SAFA.

(34) L-awtoritajiet kompetenti tal-Każakstan ressqu d-dokumentazzjoni bejn il-5 u d-29 ta' Ġunju u għamlu preżentazzjoni quddiem il-Kumitat dwar is-Sikurezza tal-Ajru fit-30 ta' Ġunju 2009. Waqt il-preżentazzjoni tagħhom tat-30 ta' Ġunju 2009, l-awtoritajiet kompetenti tal-Każakstan għarrfu lill-Kummissjoni u lill-Kumitat dwar is-Sikurezza tal-Ajru li ġie stabbilit pjan ta' azzjoni korrettiva biex jindirizza n-nuqqasijiet irrapurtati mill-ICAO u li kienu taw bidu għall-ewwel passi fl-implimentazzjoni tiegħu, u li b'ħekk probabbilment se jkunu konformi mar-rekwiżiti tas-sikurezza tal-ICAO kollha f'Ġunju 2010. Fir-rigward tar-riżoluzzjoni taż-żewġ każi ta' tħassib sinifikanti dwar is-sikurezza ppubblikati mill-ICAO, dawn mhux mistennija li jissolvew qabel Diċembru 2009. L-awtoritajiet kompetenti tal-Każakstan għarrfu wkoll lill-Kummissjoni u lill-Kumitat dwar is-Sikurezza tal-Ajru li kull tliet xhur se jibdew jippreżentaw rapporti fuq l-istat tal-implimentazzjoni tal-azzjonijiet korrettivi proposti lill-ICAO.

(35) Barra minn hekk, l-awtoritajiet kompetenti tal-Każakstan għamluha ċara li nħarġu 69 AOC b'kollox u li, fl-1 ta' April 2009, ħadu miżuri biex jissospendu jew jirrevokaw ħdax minnhom. Madankollu, għad hemm dubji fir-rigward tal-azzjonijiet ta' nfurzar implimentati biex iwieġbu għat-tħassib sinifikanti tal-ICAO dwar is-sikurezza, minħabba li s-sospensjonijiet/ir-revoki ppreżentati mill-awtoritajiet kompetenti tal-Każakstan saru qabel il-verifika tal-ICAO fil-qafas tal-USOAP, minħabba li ma kien hemm l-ebda evidenza li l-AOCs ġew irrevokati fil-verità, u minħabba li xi whud mill-AOCs li kienu

[1] Is-sejba nru OPS/01 tal-ICAO.
[2] Is-sejba nru AIR/01 tal-ICAO.

indikati bħala rrevokati fl-1 ta' April 2009 kienu indikati bħala validi fl-1 ta' Ġunju 2009. Barra minn hekk, l-awtoritajiet kompetenti tal-Każakstan, għarrfu li l-liġi tal-Każakstan bħalissa tippermetti li inġenju tal-ajru jitħaddem minn iktar minn operatur wieħed simultanjament. Għaldaqstant, mhuwiex ċar liema hija l-entità responsabbli għall-ajrunavigabbiltà u għall-operat ta' dak l-inġenju tal-ajru partikulari.

(36) It-trasportatur Berkut State Airline, iċċertifikat fil-Każakstan, talab li jinstema' mill-Kummissjoni u mill-Kumitat dwar is-Sikurezza tal-Ajru. Dan seħħ fit-30 ta' Ġunju 2009. Waqt din il-preżentazzjoni, it-trasportatur ma ppreżenta l-ebda pjan ta' azzjoni komprensiv imwettaq biex jiżgura l-konformità mal-istandards tas-sikurezza u biex ineħħi kwalunkwe tifxkil li jista' jkun hemm mat-trasportatur BEK Air, li qabel kien jismu Berkut Air u li ilu inkluż fl-Anness A minn April 2009. Berkut State Airline indika wkoll li għandu l-ħsieb jabbanduna l-operazzjonijiet kummerċjali u dawk tal-inġenji tal-ajru l-qodma.

(37) L-awtoritajiet kompetenti tal-Każakstan ma rnexxielhom jippreżentaw l-ebda tagħrif dwar iċ-ċertifikati li għandu t-trasportatur BEK Air, li qabel kien jismu Berkut Air, kif ukoll dwar l-implimentazzjoni ta' kwalunkwe azzjoni korrettiva li taffettwa n-nuqqasijiet fis-sikurezza li wasslu biex dan it-trasportatur jiġi inkluż fl-Anness A f'April 2009. Huma lanqas ma rnexxielhom iressqu evidenza li turi li dan it-trasportatur bl-ajru huwa suġġett għal kwalunkwe azzjoni ta' infurzar.

(38) L-awtoritajiet kompetenti tal-Każakstan għarrfu lill-Kumitat dwar is-Sikurezza tal-Ajru bl-eżistenza tat-tielet trasportatur imsejjaħ Berkut KZ, iżda ma rnexxielhom jippreżentaw l-ebda tagħrif dwar iċ-ċertifikati li għandu dan it-trasportatur.

(39) It-trasportatur SCAT, iċċertifikat fil-Każakstan, talab b'dewmien li jinstema' mill-Kummissjoni u mill-Kumitat dwar is-Sikurezza tal-Ajru. Dan seħħ fit-30 ta' Ġunju 2009. Waqt din il-preżentazzjoni, it-trasportatur għarraf li xi inġenji tal-ajru bħalma huma dak tat-tip Yak 42 bil-marka tar-reġistrazzjoni UP-Y4210 huma operati wkoll minn trasportaturi oħra ċċertifikati fil-Każakstan. Għaldaqstant, dan ma wriex biċ-ċar liema hija l-entità responsabbli għall-ajrunavigabbiltà u għall-operat ta' dan l-inġenju tal-ajru partikulari. Barra minn hekk, it-trasportatur u l-awtoritajiet kompetenti tal-Każakstan ma rnexxielhom jipprovdu l-ebda evidenza li l-ajrunavigabbiltà kontinwa u l-manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru tat-tip Boeing B-737-522 u B-757-204, irreġistrati fil-Litwanja (bil-marki tar-reġistrazzjoni LY-AWE, LY-AWD, LY-FLB u LY-FLG) isiru skont ir-regolamenti applikabbli Ewropej.

(40) Il-Kummissjoni tagħraf l-isforzi li saru biex tiġi rriformata s-sistema tal-avjazzjoni ċivili fil-Każakstan u l-ewwel passi li ttieħdu sabiex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet tas-sikurezza rrapurtati mill-ICAO. Madankollu, abbażi tal-kriterji komuni, u sakemm jiġu implimentati b'mod effettiv l-azzjonijiet korrettivi adegwati biex jittranġa t-tħassib sinifikanti tal-ICAO dwar is-sikurezza, huwa vvalutat li l-awtoritajiet kompetenti tal-Każakstan, f'dan l-istadju, ma jistgħux jimplimentaw u jinfurzaw l-istandards rilevanti tas-sikurezza fuq it-trasportaturi bl-ajru kollha li jinsabu fil-kontroll regolatorju taagħhom. Għalhekk, it-trasportaturi bl-ajru kollha iċċertifikati fil-Każakstan għandhom ikunu suġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat u b'hekk għandhom jiġu inklużi fl-Anness A, bl-eċċezzjoni tat-trasportatur bl-ajru Air Astana.

Air Astana

(41) It-trasportatur Air Astana, iċċertifikat fil-Każakstan, talab li jinstema' mill-Kummissjoni u mill-Kumitat dwar is-Sikurezza tal-Ajru, u għamel il-preżentazzjoni tiegħu fit-30 ta' Ġunju 2009. Matul din il-preżentazzjoni, it-trasportatur ippreżenta serje komprensiva ta' azzjonijiet korrettivi u analiżi tal-kawżi ewlenin iddiżinjati biex jindirizzaw il-bosta nuqqasijiet tas-sikurezza min-naħa tat-trasportatur bl-ajru identifikati mill-Ġermanja ([1]), mill-Olanda ([2]), mir-Renju Unit ([3]), kif ukoll minn stati oħra tal-ECAC ([4]) waqt spezzjonijiet fir-rampa mwettqin skont il-programm tas-SAFA. Fir-rigward tas-sitwazzjoni tas-sikurezza tal-flotta tiegħu, l-inġenji tal-ajru kollha mniżżlin fuq l-AOC tat-trasportatur huma rreġistrati barra l-Każakstan (fl-Aruba). L-awtorità kompetenti ta' Aruba hija responsabbli għas-sorveljanza tal-inġenji tal-ajru tal-flotta ta' Air Astana skont id-dispożizzjonijiet tal-Annessi 1 u 8 għall-Konvenzjoni ta' Ċikago kif ukoll tal-Anness 6 għall-aspetti tal-ajrunavigabbiltà kontinwa.

(42) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni ma tqisx li t-trasportatur Air Astana għandu għalfejn jiġi inkluż fl-Anness A. Madankollu, meta wieħed iqis ir-riżultati tal-ispezzjonijiet fir-rampa ([5]) mwettqa dan l-aħħar f'ajruporti tal-Komunità skont il-programm tas-SAFA, kif ukoll l-impenn tal-Istati Membri li jkomplu jżidu n-numru ta' spezzjonijiet fir-rampa fuq l-inġenji tal-ajru operati mill-Air Astana lejn il-Komunità, il-Kummissjoni tqis li huwa xieraq li jkun hemm sorveljanza speċifika tal-operazzjonijiet tal-Air Astana fil-Komunità b'kundizzjonijiet stretti u li għalhekk l-operazzjonijiet tiegħu għandhom ikunu llimitati strettament għal-livell attwali tagħhom u bl-inġenji tal-ajru użati bħalissa. B'hekk, abbażi tal-kriterji komuni, u b'dawn il-kundizzjonijiet, dan it-trasportatur għandu jiġi inkluż fl-Anness B.

([1]) LBA/D-2008-334, LBA/D-2008-944.
([2]) CAA-NL-2008-24, CAA-NL-2008-254, CAA-NL-2009-7, CAA-NL-2009-42, CAA-NL-2009-55.
([3]) CAA-UK-2008-187.
([4]) DGCATR-2008-85, DGCATR-2008-310, DGCATR-2008-360, DGCATR-2008-381, DGCATR-2008-460, DGCATR-2008-585, DGCATR-2009-39, DGCATR-2009-69, DGCATR-2009-93, DGCATR-2009-105.
([5]) LBA/D-2009-332.

It-trasportaturi bl-ajru miż-Żambja

(43) Wara s-sospensjoni tal-operazzjonijiet tal-linja nazzjonali taż-Żambja, iż-Zambian Airways, f'Jannar 2009 u wara li l-ICAO ppubblikat tħassib sinifikanti dwar is-sikurezza fi Frar 2009 wara ż-żjara ta' verifika fil-qafas tal-USOAP fir-rigward tal-operazzjonijiet tal-inġenji tal-ajru, taċ-ċertifikazzjoni u tas-superviżjoni mwettqa mill-Awtorità tal-Avjazzjoni Ċivili taż-Żambja, f'April 2009 il-Kummissjoni talbet lil dawn l-awtoritajiet jagħtuha tagħrif sabiex tivverifika l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet korrettivi biex jittranġa dan it-tħassib. Dan it-tħassib sinifikanti dwar is-sikurezza għandu x'jaqsam mal-fatt li d-Dipartiment tal-Avjazzjoni Ċivli (id-DCA) taż-Żambja ħareġ wieħed u għoxrin Permess tas-Servizzi tal-Ajru lill-operaturi tal-ajru kummerċjali li ftit minnhom jinkludu l-permess li jwettqu operazzjonijiet internazzjonali. Dawn il-Permessi tas-Servizzi tal-Ajru jindirizzaw kwistjonijiet li huma iktar ekonomiċi milli relatati mas-sikurezza. Dawk li għandhom dawn il-Permessi tas-Servizzi tal-Ajru joperaw titjiriet internazzjonali, minkejja li ma sarux l-ispezzjonijiet tal-operazzjonijiet u tal-ajrunavigabbiltà meħtieġa qabel il-ħruġ ta' AOC. Barra minn hekk, ir-rapporti tal-ispezzjonijiet perjodiċi tad-DCA jidentifikaw nuqqasijiet tas-sikurezza, mingħajr ma jinkludu reġistri dwar ir-riżoluzzjoni tagħhom.

(44) It-tagħrif ipprovdut mill-awtoritajiet taż-Żambja f'Mejju 2009 ma fih l-ebda evidenza tal-azzjonijiet korrettivi urġenti meħtieġa biex jissolva t-tħassib sinifikanti dwar is-sikurezza mqajjem mill-ICAO. B'mod partikulari, ma hemm l-ebda pjan u l-ebda proċedura għaċ-ċertifikazzjoni, kif ukoll l-ebda regola u regolament li jissostanzjaw ir-rekwiżiti għaċ-ċertifikazzjoni tal-ICAO mogħtija fl-Anness 6 tal-Konvenzjoni ta' Ċikago. Barra minn hekk, ma hemm l-ebda evidenza tal-limitazzjonijiet fuq il-"Permessi tas-Servizz tal-Ajru" taż-Żambja u ma hemm l-ebda dokumentazzjoni li tappoġġa l-proċess ta' ċertifikazzjoni meħtieġ mill-Anness 6 tal-ICAO.

(45) Dokumentazzjoni supplimentari li ntbagħtet mill-awtoritajiet kompetenti taż-Żambja fl-1 ta' Ġunju 2009 ma wrietx li l-AOC (bin-nru Z/AOC/001/2009) maħruġ fid-29 ta' Mejju 2009 lit-trasportatur Zambezi Airlines, iċċertifikat fiż-Żambja, huwa konformi mar-rekwiżiti tal-ICAO u li t-tħassib dwar is-sikurezza ġie indirizzat. Sa llum, it-tħassib tal-ICAO dwar is-sikurezza għadu hemm.

(46) Fid-dawl ta' dawn is-sejbiet u minħabba r-riskju potenzjali li jista' jkollha din is-sitwazzjoni għas-sikurezza tal-operazzjonijiet tat-trasportaturi bl-ajru ċċertifikati fiż-Żambja li huma awtorizzati jħaddmu titjiriet internazzjonali, il-Kummissjoni tqis li abbażi tal-kriterji komuni, it-trasportaturi kollha ċċertifikati fiż-Żambja għandhom jiġu inklużi fl-Anness A.

It-trasportaturi bl-ajru mir-Repubblika tal-Indoneżja

(47) Id-Direttorat Ġenerali tal-Avjazzjoni Ċivili Indoneżjan (id-DGCA) ipprovda lill-Kummissjoni b'evidenza li, fl-10 ta' Ġunju 2009, it-trasportaturi bl-ajru Garuda Indonesia, Airfast Indonesia, Mandala Airlines, u Ekspres Transportasi Antarbenua (kummerċjalment magħruf bħala Premiair) ingħataw AOC ġdid skont ir-Regolamenti Indoneżjani l-ġodda dwar is-Sikurezza tal-Avjazzjoni Ċivili (is-CASRs). B'mod partikulari, it-trasportaturi bl-ajru Garuda u Airfast ingħataw AOCs ġodda li huma validi għal sentejn, wara li saritilhom verifika kompluta u proċedura ta' ċertifikazzjoni mill-ġdid. Mandala u Premi Air kienu suġġetti għal verifika llimitata għar-rekwiżiti l-ġodda skont ir-Regolamenti l-ġodda dwar is-Sikurezza tal-Avjazzjoni Ċivili (is-CASRs).

(48) Fuq talba tad-DGCA Indoneżjan, grupp ta' esperti tal-KE wettaq żjara ta' tfittxija għall-fatti fl-Indoneżja mill-15 sat-18 ta' Ġunju 2009 sabiex jivverifika jekk, dal-ħin, l-attivitajiet tas-sorveljanza humiex qed jitwettqu b'mod sħiħ u jekk is-sistema għall-attivitajiet tas-sorveljanza ġietx aġġornata biex tippermetti għal segwitu xieraq tas-sejbiet imqajma mid-DGCA dwar it-trasportaturi Indoneżjani. F'dan il-qafas, żewġ trasportaturi bl-ajru (Mandala Airlines u Premi Air) saritilhom żjara wkoll, sabiex tiġi vverifikata l-ħila tad-DGCA Indoneżjan li jiżgura s-sorveljanza tas-sikurezza tagħhom f'konformità mal-istandards rilevanti (is-CASRs il-ġodda).

(49) Iż-żjara wriet li l-livell attwali tal-effikaċja tas-sorveljanza tad-DGCA fuq l-erba' trasportaturi msemmija hawn fuq, flimkien maċ-ċertifikazzjoni mill-ġdid tagħhom, jiżgura l-konformità mar-rekwiżiti l-ġodda u huwa meqjus bħala adegwat. Is-sistema ta' sorveljanza ttejbet sabiex tippermetti għal segwitu xieraq tas-sejbiet imqajma mid-DGCA dwar it-trasportaturi Indoneżjani. Id-DGCA żviluppa sistema għall-ġestjoni effiċjenti tat-tagħrif li jkun ġej mill-attivitajiet ta' sorveljanza u, b'ħekk, biex jiġu ttraċċati d-data fil-mira u d-data proprja tal-għeluq ta' sejba u ta' kwalunkwe estensjoni mogħtija mid-DGCA.

(50) Barra minn hekk, id-differenzi mill-Anness 6 għall-Konvenzjoni ta' Ċikago, li kienu ġew innotifikati lill-ICAO mid-DGCA fl-20 ta' Frar 2009, u li seta' jkollhom impatt negattiv fuq is-sikurezza tal-operazzjonijiet tat-trasportaturi Indoneżjani, ġew irtirati fil-25 ta' Marzu 2009. Wara analiżi teknika mid-DGCA, fit-28 ta' Mejju 2009 ntbagħtet notifika ġdida lill-ICAO b'differenzi llimitati. L-istandards tal-ICAO b'ħekk se jibdew jiġu infurzati fuq it-trasportaturi Indoneżjani sa mit-30 ta' Novembru 2009 'l quddiem; madanakollu, dawn l-istandards li għadhom kemm ġew adottati diġà huma infurzati fuq it-trasportaturi Garuda, Mandala, Premiair u Airfast, sa mill-10 ta' Ġunju 2009 – li hija d-data tal-ħruġ tal-AOC il-ġdid tagħhom.

(51) Id-DGCA talab li jinstema' mill-Kumitat dwar is-Sikurezza tal-Ajru, u nstema' fit-30 ta' Ġunju 2009. Id-DGCA għarraf lill-Kummissjoni li l-inġenju tal-ajru tat-tip Embraer EMB-120 bil-marki tar-reġistrazzjoni PK-RJC, operat minn Premi Air, bħalissa mhuwiex mgħammar bis-sistema għall-evitar tal-ħabtiet tat-traffiku msejħa t-TCAS, kif meħtieġ mir-CASRs il-ġodda, iżda li l-istallazzjoni tagħha għandha titlesta sat-30 ta' Novembru 2009. Dan it-tagħrif huwa stipulat b'mod ċar fuq l-AOC tat-trasportatur, kif muri mir-rapport tal-grupp tal-KE.

(52) Abbażi tal-kriterji komuni, huwa vvalutat li l-livell attwali tal-effikaċja tas-sorveljanza mwettqa mid-DGCA jippermetti l-infurzar u r-rispett adegwat tal-istandards rilevanti tas-sikurezza mill-erba' trasportaturi li kienu soġġetti għall-proċess taċ-ċertifikazzjoni mill-ġdid, jiġifieri Garuda Indonesia, Airfast Indonesia, Mandala Airlines, u Ekspres Transportasi Antarbenau (kummerċjalment magħruf bħala Premiair). B'hekk, dawn l-erba' trasportaturi bl-ajru għandhom jitneħħew mill-Anness A. F'dan l-istadju t-trasportaturi Indoneżjani l-oħra kollha għandhom jibqgħu fl-Anness A. Il-Kummissjoni se taħdem mill-qrib mal-awtoritajiet kompetenti Indoneżjani wara ċ-ċertifikazzjoni mill-ġdid ta' trasportaturi Indoneżjani oħrajn.

(53) L-awtoritajiet kompetenti tal-Indoneżja taw ukoll lill-Kummissjoni lista aġġornata tat-trasportaturi bl-ajru li għandhom AOC. Dal-ħin, it-trasportaturi bl-ajru ċċertifikati fl-Indoneżja, minbarra l-erbgħa msemmija hawn fuq, huma dawn li ġejjin: Merpati Nusantara, Kartika Airlines, Trigana Air Service, Metro Batavia, Pelita Air Service, Indonesia Air Asia, Lion Mentari Airlines, Wing Adabi Airlines, Cardig Air, Riau Airlines, Transwisata Prima Aviation, Tri MG Intra Asia Airlines, Manunggal Air Service, Megantara, Indonesia Air Transport, Sriwijaya Air, Travel Express Aviation Service, Republic Express Airlines, KAL Star, Sayap Garuda Indah, Survei Udara Penas, Nusantara Air Charter, Nusantara Buana Air, Nyaman Air, Travira Utama, Derazona Air Service, National Utility Helicopter, Deraya Air Taxi, Dirgantara Air Service, SMAC, Kura-Kura Aviation, Gatari Air Service, Intan Angkasa Air Service, Air Pacific Utama, Asco Nusa Air, Pura Wisata Baruna, Penerbangan Angkasa Semesta, ASI Pudjiastuti, Aviastar Mandiri, Dabi Air Nusantara, Sampoerna Air Nusantara, Mimika Air, Alfa Trans Dirgantara, Unindo, Sky Aviation, Johnlin Air Transport u Eastindo. Il-lista Komunitarja għandha tiġi aġġornata skont dan u dawn it-trasportaturi għandhom jiġu inklużi fl-Anness A.

It-trasportaturi bl-ajru mir-Repubblika tal-Angola

TAAG Angola Airlines

(54) L-awtoritajiet kompetenti tal-Angola (l-INAVIC) għarrfu lill-Kummissjoni li t-trasportatur bl-ajru TAAG Angola Airlines inġħata AOC ġdid skont ir-Regolamenti tal-Angola dwar is-Sikurezza tal-Avjazzjoni (l-AASR) fit-28 ta' Mejju 2009, wara proċedura sħiħa ta' ċertifikazzjoni mill-ġdid.

(55) Fuq talba tal-awtoritajiet kompetenti tal-Angola (l-INAVIC), kif ukoll tat-trasportatur TAAG Angola Airlines, grupp ta' esperti Ewropej wettaq żjara ta' tfittxija għall-fatti fl-Angola mit-8 sal-11 ta' Ġunju 2009. Iż-żjara kkonfermat li sar progress sinifikanti għall-konformità mal-istandards tal-ICAO. L-INAVIC għalqu 66 % mis-sejbiet imqajma miż-żjara preċedenti ta' tfittxija għall-fatti li kienet saret fi Frar 2008 u t-TAAG għalqu 75 %. B'mod partikulari, l-Angola adottat regoli ġodda dwar is-sikurezza tal-avjazzjoni skont l-istandards tal-ICAO, u l-linja nazzjonali tagħha, t-TAAG, ġiet iċċertifikata mill-ġdid f'konformità mal-qafas legali l-ġdid.

(56) It-trasportatur TAAG talab li jinstema' mill-Kumitat dwar is-Sikurezza tal-Ajru, u nstema' fl-1 ta' Lulju 2009, megħjun mill-INAVIC. It-trasportatur għarraf ukoll lill-Kumitat li għadda minn verifika tal-IOSA f'Mejju 2009 b'numru limitat ta' sejbiet biss u li dawn is-sejbiet kienu ġew magħluqa kollha sad-29 ta' Ġunju 2009.

(57) It-traportatur wassal evidenza konvinċenti lill-Kumitat dwar is-Sikurezza tal-Ajru li ttieħdu iktar azzjonijiet wara ż-żjara u li kien sar progress tajjeb ħafna sabiex jiġu indirizzati s-sejbiet miftuħa li kien għad fadal u ppreżenta miżuri komprensivi li juru li iktar minn 90 % tas-sejbiet issa huma magħluqa, waqt illi l-azzjonijiet li fadal għadhom għaddejjin. Madankollu, it-trasportatur ma setax juri li t-titjiriet imwettqa mill-inġenji tal-ajru tat-tip B-747 u B-737-200 huma soġġetti għall-monitoraġġ tad-dejta tat-titjiriet kif meħtieġ.

(58) L-awtoritajiet Portugiżi għarrfu lill-Kumitat dwar is-Sikurezza tal-Ajru li qablu li jipprovdu għajnuna lill-awtoritajiet kompetenti tal-Angola biex tittejjeb is-sorveljanza tas-sikurezza ta' TAAG bil-ħsieb li dan it-trasportatur ikun jista' jopera lejn il-Portugall. B'mod partikulari, huma għarrfu lill-Kumitat dwar is-Sikurezza tal-Ajru li se jaċċettaw titjiriet operati b'ċerti inġenji tal-ajru wara li jkunu wettqu kontrolli qabel it-titjira fl-Angola u spezzjonijiet fir-rampa mal-wasla fil-Portugall. L-awtoritajiet kompetenti tal-Angola kkonfermaw li huma jaċċettaw li jsiru spezzjonijiet fir-rampa qabel it-titjira f'Luanda ta' kwalunkwe inġenju tal-ajru operat minn TAAG li jtir lejn Liżbona bl-appoġġġ tal-awtoritajiet Portugiżi. L-awtoritajiet kompetenti tal-Portugall se jwettqu spezzjonijiet fir-rampa skont il-programm tas-SAFA għal kull titjira operata minn TAAG.

(59) B'hekk, abbażi tal-kriterji komuni, huwa vvalutat li, bħala l-ewwel pass, TAAG għandu jitneħħa mill-Anness A u għandu jiġi inkluż fl-Anness B bil-kundizzjoni li t-trasportatur iwettaq mhux iktar minn għaxar titjiriet fil-ġimgħa bl-inġenji tal-ajru tat-tip Boeing B-777 bil-marki tar-reġistrazzjoni D2-TED, D2-TEE u D2-TEF minn Luanda lejn Liżbona. Dawn it-titjiriet għandhom jiġu operati biss wara li l-awtoritajiet tal-Angola jkunu wettqu spezzjonijiet fir-rampa tal-inġenju tal-ajru li jkun irid jiġi operat qabel kull tluq mill-Angola u wara li l-awtoritajiet Portugiżi jkunu wettqu l-ispezzjonijiet fir-rampa ta' kull inġenju tal-ajru fil-Portugall. Din hija miżura temporanja u l-Kummissjoni għandha tirrevedi s-sitwazzjoni abbażi tat-tagħrif kollu disponibbli u, b'mod partikulari, abbażi ta' evalwazzjoni mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti tal-Portugall.

Is-sorveljanza ġenerali tas-sikurezza tat-trasportaturi bl-ajru mill-Angola

(60) Iż-żjara ta' tfittxija għall-fatti mwettqa fl-Angola mit-8 sal-11 ta' Ġunju 2009 wriet li ċ-Ċertifikati tat-Trasportaturi bl-Ajru nħarġu lill-operaturi PHA u SERVISAIR mingħajr ma sar proċess taċ-ċertifikazzjoni xieraq. Għalkemm dawn iż-żewġ AOCs ġew sospiżi b'mod temporanju mill-INAVIC, abbażi tal-kriterji komuni, il-Kummissjoni tqis li t-trasportaturi korrispondenti għandhom jitqiegħdu fl-Anness A.

(61) Il-Kummissjoni tinnota ċ-ċertifikazzjoni mill-ġdid ta' 18-il trasportatur li għaddejja bħalissa mill-INAVIC u li mistennija titlesta sa tmiem l-2010 u theġġeġ lill-INAVIC biex tkompli dan il-proċess b'determinazzjoni u bil-kunsiderazzjoni dovuta għat-tħassib potenzjali dwar is-sikurezza identifikat f'dan il-qafas. F'dak ir-rigward, il-Kummissjoni tagħraf li l-INAVIC ħadet azzjonijiet ta' infurzar f'dak li għandu x'jaqsam ma' xi whud minn dawk li għandhom AOC, ladarba 6 minn 19 ġew sospiżi b'mod temporanju.

(62) Il-Kummissjoni tqis li, sakemm issir iċ-ċertifikazzjoni sħiħa mill-ġdid tat-trasportaturi bl-ajru mill-INAVIC f'konformità sħiħa mar-Regolamenti l-ġodda tal-Angola dwar is-Sikurezza tal-Avjazzjoni, abbażi tal-kriterji komuni, dawn it-trasportaturi għandhom jibqgħu fl-Anness A.

Société Nouvelle Air Affaires Gabon (SN2AG)

